*DISPREZZ*

*ART 1003 A TAL-KAP 12*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Marzu 2017**

**Kawza Numru : 27**
**Rikors Numru : 1429/2015/2/LSO**

**Fl-atti tad-digriet tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1429/2015/LSO fl-ismijiet: -**

**Joseph, Anthony, Carmelo, Nazzareno ahwa Farrugia u kif ukoll Esther Ellul armla ta' Paolo Ellul**

**vs**

**Gzira Properties Ltd u Philip Alamango**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta’ Joseph u Nazzareno ahwa Farrugia u kif ukoll Esther Ellul armla ta' Pawlu Ellul (K.I ta' Joseph Farrugia 268547(M) datat 25 ta’ Novembru 2015 fejn esponew: -

Illi permezz tad-digriet fuq imsemmi, dina l-Onorabbli Qorti filwaqt li laqghat it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' l-intimati ordnatilhom ukoll milli jidhlu u jaccedu fil-proprjeta' tar-rikorrenti murija fuq il-pjanta tal-perit Alan Saliba u immarkata bhala Dok ASP fir-rapport minnu prezentat salv ghall-finijet tal-kejl il-faccata ta' l-art ghandha tittiehed mill-ponta immarkata bl-ittra E fuq il-pjanta sa fejn fizikament jibda l-bini tal-Partit Nazzjonalista. Kif ukoll dina l-Onorabbli Qorti inibit lill-intimati milli jaghmlu jew ikomplu jaghmlu xoghlijiet ta' thaffir u skavar jew kwalunkwe xoghol iehor ta' liema natura jkunu, kemm ta' kostruzzjoni u/jew konness ma' l-istess fil-porzjon art imsemmija.

Illi l-esponenti gew ghal konjizzjoni li ciononostante din l-ordni, il-kumpanija Gzira Properties Ltd, li ghandha kemm il-permessi tal-bini fuqha u kif ukoll kif fil-fatt assumiet ir-responsabilita' permezz ta' risposta guramentata f’ kawza

ta' spoll bin-numru tar-rikors guramentat 916/2015 LSO li kopja taghha qed tigi annessa mal-prezenti ghal ahjar informazzjoni tar-Registratur tal-Qrati u cioe` ghamlet xoghlijiet u atti bi ksur car ta' l-ordni imsemmija.

Illi l-ksur ta' l-ordni jikkonsisti fost ohrajn izda mhux biss, f’ kostruzzjoni ta' pilastri u pedamenti u xoghol iehor konness. Apparti wkoll li sabiex ghamlu dawn ix-xoghlijiet invadew il-propjeta' meritu tal-mandat.

Illi xhieda ta' dan kollu hemm Mario Ellul, Joseph Farrugia kif ukoll nies isimhom mhux maghruf li qed jaghmlu x-xoghlijiet u kif ukoll il-kuntrattur Bonavia ghal prova ta' l-atti maghmula mill-Gzira Properties Ltd bi ksur ta' l-ordni tal-mandat fuq imsemmi.

Illi *ai termini* ta' l-aritkolu 1003A tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn il-proceduri ghandhom jigu inizzjati mir-Registratur tal-Qrati li ghandu jkun l-attur f’ dawn il-proceduri ta' disprezz.

Ghaldaqstant, l-esponenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qieghdin umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex *ai termini* ta' l-artikoliu 1003 A joghgobha tordna lir-Registratur tal-Qrati, jinizzja l-proceduri ta' disprezz ta' dina l-Onorabbli Qorti fir-rigward tad-digriet fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni fuq imsemmi u liema disprezz gie kommess minn Gzira Properties Ltd.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2015.

Rat ir-risposta ta’ Gzira Properties Ltd datata 7 ta’ Dicembru 2015 (fol 10) fejn esponiet:-

Illi r-rikors odjern huwa vessatorju *stante* li x-xoghlijiet ta' kostruzzjoni qeghdin isiru biss fil-propjeta` tal-esponenti u li mhix milquta mill-Mandat ta' Inibizzjoni 1429/2015LSO u dana kif murija fir-rapport u l-pjanta tal-Perit Alan Saliba, mqabbad minn din l-Onorabbli Qorti. Din il-pjanta tal-Perit Saliba, annessa mar-rapport tieghu, turi bicca art f’ forma ta' triangolu u li hija ta' mizura ta' zewg metri u erbgha u hamsin centezmu [2.54 metri] faccata b'punt decimali tmenin metru [0.80 metru] fond fuq naha u tigi ghax xejn fl-estrem taghha. Hadd aktar milli l-istess Perit, imqabbad minn din l-Onorabbli Qorti ma jista’ jikkonstata jekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti humiex veritjera jew le. *Del resto* kemm l-esponenti kif ukoll ir-rikorrenti qablu *viva voce* quddiem din l-istess Onorabbli Qorti li jirremettu ruhhom ghar-rapport ta' l-istess Perit. Anki l-abbli Onorabbli Qorti fid-digriet taghha qaghdet fuq l-istess rapport;

Illi x-xhieda ndikata mir-rikorrenti hija kollha bla bzonn ghaliex is-sit ta' l-izvilupp jitkellem wahdu. Illi l-affidavit ta' Joseph Paul Portelli huwa kompletament irrelevanti ghal din il-procedura peress li *se mai* hija fuq il-meritu tal-kaz u mhux fuq il-meritu tar-rikors bit-talbiet kif dedotti. B'dana kollu, minghajr pregudizzju, il-kontro ezami ta' Portelli huwa minn issa stess riservat. Illi x-xhieda ta' Philip Alamango

ghan-nom tas-socjeta' esponenti huwa mill-banda l-ohra imperattiv peress li *inter alia* ghandu diversi ritratti li juri *s-status quo ante* tat-territorju oggett tal-mandat ta' inibizzjoni odjern li jikkomplementaw u jsahhu r-rapport tal-Perit imqabbad minn din l-Onorabbli Qorti fil-kwestjoni odjerna;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob dina l-Onorabbli Qorti jghogobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma qudidem il-Qorti kif hekk presjeduta, inkluz tal-31 ta’ Jannar 2017, fejn meta sejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrat fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghall-provvediment ghas-16 ta’ Marzu 2017.

Rat ir-rikors tat-13 ta’ Marzu 107 u d-digriet taghha tal-14 ta’ Marzu 2017 fejn estendiet il-prolazzjoni tad-digriet u tiddeferixxiet ir-rikors ghall-21 ta’ Marzu, 2017 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tipprocedi kontra s-socjeta' intimata fit-termini tal-**artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** billi allegatament din l-istess socjeta' qed tikser l-ordni moghtija

minn din l-istess Qorti permezz tal-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-istess ismijiet premessi Numru 1429/15 LSO.

Illi s-socjeta' intimata laqghet ghall-addebitu billi affermat li qed tagixxi pjenament fil-limiti tal-ordni tal-Qorti.

Illi l-vertenza tirrigwarda porzjoni art f'forma ta' trijangolu li tmiss ma’ Victory Street Gzira, u li giet akkwistata mir-rikorrenti b'kuntratt ta' xiri mill-poter ta' Gasan Properties Limited fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon tat-13 ta' Frar 1992 .

Illi kif jirrizulta mill-atti tal-Mandat imsemmi, din il-Qorti kienet innominat lill-Perit Alan Saliba biex jaccedi fuq il-post u jirrelata dwar it-talbiet kontenuti fir-rikors ghall-hrug tal-Mandat.

Illi din il-Qorti kkonkludiet billi laqghet it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fil-konfront tal-intimati u ordnat li ghandhom jinzammu milli jidhlu u jaccedu ghall-proprjeta` tar-rikorrenti "*murija fuq il-pjanta annessa mar-rapport tal-Perit Saliba* ***Dok ASP*** *salv li ghall-finijiet ta’ kejl il-faccata tal-art ghandha tittiehed mill-ponta immarkata bl-ittra ‘E’ fuq il-pjanta sa fejn jibda fizikament il-bini tal-Kazin Nazzjonalista, kif ukoll milli jaghmlu u/jew ikomplu jaghmlu xoghlijiet ta’ thaffir u skavar jew kwalunkwe xoghol iehor ta’ liema natura li jkun, kemm ta’ kostruzzjoni jew konness mal-istess, fil-porzjon art imsemmija".*

Illi r-rikorrenti llum qed isostnu li l-intimati qed jaghmlu xoghlijiet bi ksur ta' dik l-ordni.

**Relazzjoni ulterjuri tal-Perit Alan Saliba**

Illi din il-Qorti regghet hatret lill-Perit Alan Saliba[1] sabiex jerga' jaccedi fuq il-fond u jirrelata dwar jekk sarx xi kostruzzjoni bi ksur tal-ordni specifika taghha skont kif degretat fil-parti intestata DECIDE fil-Mandat ta' Inibizzjoni 1429/15 LSO kif ukoll zammet access fuq is-sit.

Fir-rapport tieghu (fol 17 et seq. tal-process) il-Perit Saliba ikkonstata li fil-mori tal-mandat l-intimati kienu bnew hajt tal-brikks tad-disa' pulzieri mil-livell tal-*basement* taghhom sa sitt filati 'l fuq mil-livell tat-triq (para 2.2. tar-rapport).

Huwa kkonkluda li "*jirrizulta li dan il-hajt tal-brikks mibni mill-intimati ma nbeniex bi ksur tal-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Ottubru 2015, billi dan il-hajt tal-brikks jinsab 'il barra mill-art tar-Rikorrenti murija fuq il-pjanta tal-esponenti Perit Tekniku Dok. ASP li ghandha faccata mill-punt 'E' sal-Kazin Nazzonalista.*"

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

Illi l-kaz odjern jikkoncerna allegat ksur ta' ordni mahrug fuq mandat ta' inibizzjoni. Dwar din il-materja hu ben assodat fil-gurisprudenza taghna, "*min jarbitra u jmur kontra dak li gie lilu ordnat b'mandat ta' inibizzjoni, filwaqt li dak il-mandat ikun ghadu jsehh jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-Awtorita` tal-Qorti.*" **(Vol. XXXV P III p 910).** Ordni tal-Qorti tista' tigi biss reza ineffettiva b'ordni iehor kuntrarju ta'

[1] Digriet tad-9 ta' Dicembru 2015

dik il-Qorti jew ta' Qorti ohra u sakemm dan javvera ruhu hu obbligu ta' min ikun gie hekk ordnat li jagixxi skont dik l-ordni taht piena fin-nuqqas ta' disprezz lejn l-Awtorita` taghha. (**Edward Camilleri noe -vs- Carmelo Vella,** Appell, 7 ta' Ottubru 1997). L-interess socjali u l-bon ordni pubbliku jesigu illi l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ta' dawk l-**ordnijiet (Vol. XXIX P II p 1023).**

Illi skont l-artikolu **1003A tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta, talba simili, eccettwati naturalment dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-oltragg isir *in faciem curiae*, ghandha titressaq b'kawza separata mir-Registratur Qrati Civili u Tribunali fuq ordni tal-Qorti. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

***"1003A.*** *Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu, f'kull proċediment għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, ir-Reġistratur għandu jibda, kif jiġi ordnat mill-Qorti, il-proċedimenti meħtieġa u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi huwa għandu jitqies bħala l-attur."*

Illi huwa pacifiku illi kawza ta' disprezz hi indipendenti minn kwalunkwe kawza ohra ("**Joseph Degaetano noe -vs- Avv. Dr. Louis Galea et noe"**, Appell Civili, 5 ta' Ottubru 1981*).*

Illi li jinteressa lil din il-Qorti huwa jekk l-intimati agixxew bi ksur tal-ordni taghha sabiex jigi applikat l-artiklu imsemmi. Jigi ribadit ukoll li l-process ghas-sejba ta' htija li ghandu jigi prosegwit mir-Registratur huwa ta' indoli penali tant li l-

akkuza ta’ disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b’hekk l-awtorita` taghha. (Ara “**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**” (A.C. 7 t’Ottubru 1997; u "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri”** – LXXIV.iii.546).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern u wara li din l-istess Qorti zammet access fuq is-sit, tirritjeni li fic-cirkostanzi, ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrenti odjerni li gie kommess xi ksur tal-ordni taghha.

Gie sottomess li l-proprjeta' milquta bil-mandat huwa trijangolu ta' tmien metri kwadru circa, fizikament Il-Qorti kienet identifikat punt ta' referenza fis-sit konsistenti fil-bini tal-Partit Nazzjonalista ghall-finijiet ta' kejl relevanti ghall-iskop tal-mandat. Ir-rikorrenti jippretendu li l- kejl huwa akbar minn dak imsemmi mill-Perit Saliba fil-perizja tieghu fl-atti tal-Mandat. Izda din hija materja li trid tigi approfondita f'sede petitorja billi din il-Qorti imxiet fuq dak li seta' jigi muri *prima facie.*. Difatti l-ordni ta' din il-Qorti hija marbuta ma’ trijangolu ferm izghar ta' circa metru kwadru (ara konkluzjoni tal-Perit Saliba a fol 41 tal-atti tal-Mandat) kif muri fuq il-pjanta DOK ASP a fol 43).

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex ghandha tiskarta l-konkluzjoni milhuqa fil-perizja teknika li kkonfermat li l-intimati ma agixxewx bi ksur tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Perit Saliba kien a konoxxenza tal-fattispecje tal-kaz billi kien hu li rrediga l-ewwel rapport. Fit-tieni rapport kull ma kellu jaghmel hu li jinvestiga jekk kienux

saru xoghlijiet fil-parti milquta bil-mandat. Huwa kkonkluda fin-negattiv.

Din il-Qorti tippreciza li dak li gie kkonstatat fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa biss konstatazzjoni *prima facie* u ma jimportax gudizzju finali fuq id-drittijiet petitorji tal-kontendenti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati t**ichad** it-talbiet dedotti fir-rikors billi ma ssibx li l-intimati kkommettew disprezz lejn l-awtorita' taghha.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**21 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Marzu 2017**